

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/1239**tas-17 ta' Ġunju 2020****li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/39 fir-rigward tal-monitoraġġ u l-
evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tal-iskema tal-iskejjel u l-kontrolli fuq il-post marbuta ma' dan**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 17 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 25(d) u 223(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 62(2)(a) tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 9 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/40 ⁽³⁾, l-Istati Membri huma meħtieġa jimmonitorjaw u jevalwaw l-implimentazzjoni tal-iskema tal-iskejjel tagħhom u jinnotifikaw lill-Kummissjoni bir-riżultati. Bil-ħsieb li l-approċċ għall-evalwazzjoni tal-iskema tal-iskejjel fl-Unjoni jkun effettiv u uniformi, l-għamla u l-mili tar-rapporti ta' evalwazzjoni li l-Istati Membri mistenni minnhom li jissottomettu lill-Kummissjoni jeħtieġ li jiġu speċifikati.
- (2) L-Artikolu 10 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/39 ⁽⁴⁾ jstabbilixxi l-iskop, il-kontenut, l-iskeda ta' żmien u r-rappurtar tal-kontrolli fuq il-post imwettqa mill-Istati Membri. Fid-dawl tal-esperjenza miksuba, id-dokumentazzjoni li trid tiġi vverifikata bħala parti mill-kontrolli fuq il-post jeħtieġ li tiġi ċċarata aktar. Barra minn hekk, il-perjodu tat-tweqqif tal-kontrolli fuq il-post u tat-tlestija tar-rapporti tal-kontrolli jeħtieġ li jittawwal u d-data finali tiġi posposta ħalli jitqiesu l-applikazzjonijiet għall-għajna sottomessi wara l-iskadenza stabbilita fl-Artikolu 4(5) ta' dak ir-Regolament.
- (3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/39 jeħtieġ għaldaqstant li jiġi emendat skont dan.
- (4) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/39 huwa emendat kif ġej:

- (1) L-Artikolu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 8***Monitoraġġ u evalwazzjoni**

1. Il-monitoraġġ imsemmi fl-Artikolu 9 tar-Regolament Delegat (UE) 2017/40 għandu jiġbed konklużjonijiet abbażi tad-*data* li tfeġġ mill-obbligi ta' ġestjoni u kontroll, inklużi dawk stipulati fl-Artikoli 4 u 5 ta' dan ir-Regolament.

⁽¹⁾ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

⁽²⁾ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549.

⁽³⁾ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/40 tat-3 ta' Novembru 2016 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-għajna tal-Unjoni għall-provvista ta' frott u ħxejjex, banana u ħalib fl-istabbiliment edukattiv u li jemenda r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 907/2014 (ĠU L 5, 10.1.2017, p. 11).

⁽⁴⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/39 tat-3 ta' Novembru 2016 dwar ir-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-għajna tal-Unjoni għall-provvista ta' frott u ħxejjex, banana u ħalib fl-istabbiliment edukattiv (ĠU L 5, 10.1.2017, p. 1).

L-Istati Membri għandhom jissottomettu r-rapport ta' monitoraġġ annwali tagħhom imsemmi fl-Artikolu 9(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2017/40 lill-Kummissjoni sal-31 ta' Jannar tas-sena kalendarja wara tmiem is-sena skolastika inkwistjoni.

L-Istati Membri għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni r-rapport ta' kontroll annwali tagħhom dwar il-kontrolli fuq il-post imwettqa u s-sejbiet relatati msemmija fl-Artikolu 9(4) ta' dak ir-Regolament sal-31 ta' Ottubru tas-sena kalendarja wara tmiem is-sena skolastika inkwistjoni.

2. Ir-rapport ta' evalwazzjoni jew, jekk Stat Membru jimplementa l-iskema tal-iskejjel fil-livell reġjonali, l-għadd korrespondenti ta' rapporti ta' evalwazzjoni msemmija fl-Artikolu 9(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2017/40 għandu jikkonċerna l-implimentazzjoni tal-iskema tal-iskejjel fl-ewwel ħames (5) snin skolastiċi ta' kull perjodu kopert mill-istrateġija mfassla fil-livell nazzjonali jew reġjonali skont l-Artikolu 23(8) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

L-Istati Membri għandhom jissottomettu ir-rapport jew rapporti ta' evalwazzjoni tagħhom lill-Kummissjoni sal-1 ta' Marzu tas-sena kalendarja wara tmiem dawk il-ħames (5) snin skolastiċi. L-ewwel rapporti ta' evalwazzjoni għandhom jiġu sottomessi sal-1 ta' Marzu 2023.

Ir-rekwiżiti minimi għall-għamla u l-mili tar-rapport jew ir-rapporti ta' evalwazzjoni huma stipulati fl-Anness ma' dan ir-Regolament. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rapport jew rapporti sottomessi lill-Kummissjoni ma jinkludux *data* personali.

3. Il-Kummissjoni għandha tippubblika r-rapporti ta' monitoraġġ annwali u r-rapporti ta' evalwazzjoni sottomessi skont it-tieni sottoparagrafu tal-paragrafu 1 u l-paragrafu 2.”;

(2) L-Artikolu 10 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-punt (a) huwa sostitwit minn dan li ġej:

“(a) id-dokumentazzjoni msemmija fl-Artikolu 6 tar-Regolament Delegat (UE) 2017/40, inklużi d-dokumenti finanzjarji bħall-fatturi tax-xiri u l-bejgħ, ir-riċevuti, l-estratti bankarji, u r-reġistrazzjoni tagħhom fid-dokumentazzjoni kontabbli;”;

(b) fil-paragrafu 2, l-ewwel sottoparagrafu huwa sostitwit minn dan li ġej:

“Għandhom jitwettqu kontrolli fuq il-post matul is-sena skolastika li magħha jkunu konnessi (il-perjodu N) u/jew matul id-disa' (9) xhur segwenti (il-perjodu N+1).”;

(c) fil-paragrafu 6, it-tielet sottoparagrafu huwa sostitwit minn dan li ġej:

“Ir-rapporti tal-kontroll kollha għandhom jitlestew sa mhux aktar tard minn disa' (9) xhur wara tmiem is-sena skolastika.”;

(d) il-paragrafu 7 huma mħassar;

(3) jiżdied Anness, li t-test tiegħu huwa stipulat fl-Anness ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidhrol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Ġunju 2020.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN

ANNEX

"ANNEX

**IR-REKWIŻITI MINIMI GĦALL-GĦAMLA U L-MILI TAR-RAPPORTI TA' EVALWAZZJONI
MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 8(2)**

1. Sommarju eżekuttiv

- Sejbiet tal-evalwazzjoni
- Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

2. Introduzzjoni

- Għan u skop tar-rapport ta' evalwazzjoni
- Deskrizzjoni qsajra tal-proċess ta' evalwazzjoni

3. Metodoloġija

- It-tfassil tal-evalwazzjoni u l-metodi użati
- Mistoqsijiet dwar l-evalwazzjoni, kriterji ta' ġudizzju, indikaturi
- Għejjun tad-*data* u tekniki għall-ġbir tad-*data*
- Kwalunkwe limitazzjonijiet u soluzzjonijiet misjuba

4. Valutazzjoni tal-funzjonament tal-iskema ta' iskejjel

- Loġika ta' intervent jew konessjonijiet bejn il-ħtiġijiet identifikati, l-oġettivi mnaqqxa fl-istrateġija u l-attivitajiet imwettqa
- Xejriet jew tendenzi ewlenin fit-tfal/skejjel parteċipanti
- Forniment/tqassim tal-frott, il-ħxejjex, il-ħalib u l-prodotti mill-ħalib għall-iskejjel u l-prijorita għal frott u ħxejjex friski u ħalib għax-xorb
- Miżuri edukattivi akkompanjanti
- Azzjonijiet ta' komunikazzjoni u informazzjoni
- Arranġamenti u dispożizzjonijiet ewlenin għall-implimentazzjoni
- Involvement tal-awtoritajiet tas-saħħa/nutrizzjoni, awtoritajiet pubbliċi oħra u partijiet ikkonċernati privati assoċjati mal-ippjanar, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-iskema

5. Tweġibiet għal mistoqsijiet komuni dwar l-evalwazzjoni**5.1. L-iskema tal-iskejjel kemm żiedet il-konsum kumplessiv mit-tfal ta' frott, ħxejjex u ħalib u prodotti mill-ħalib, b'mod konformi mar-rakkomandazzjonijiet nazzjonali għal dieta sana tal-grupp tal-età fil-mira?**

Indikaturi:

- Bidla fil-konsum dirett jew indirett mit-tfal ta' frott u ħxejjex friski (kwantità u/jew frekwenza)
- Bidla fil-konsum dirett jew indirett mit-tfal ta' ħalib tax-xorb (kwantità u/jew frekwenza)
- Bidla fil-perċentwal ta' tfal li jissodisfaw il-konsum rakkomandat ta' kuljum ta' frott u ħxejjex
- Bidla fil-perċentwal ta' tfal li jissodisfaw ir-rakkomandazzjonijiet mill-awtoritajiet nazzjonali tas-saħħa u n-nutrizzjoni dwar il-konsum ta' kuljum ta' ħalib tax-xorb, u prodotti oħra tal-ħalib bla zokkor, togħmiet, frott, ġwież jew kawkaw miżjuda u b'mod konformi mal-livelli rakkomandati nazzjonalment ta' livelli ta' xaħam u sodju għall-grupp ta' età fil-mira

5.2. L-iskema tal-iskejjel kemm edukat lit-tfal dwar abitudnijiet ta' ikel tajbin għas-saħħa?

Indikaturi:

- Bidla fl-attitudni tat-tfal lejn il-konsum tal-frott, il-ħxejjex, il-ħalib u l-prodotti mill-ħalib, b'mod konformi mar-rakkomandazzjonijiet nazzjonali għal dieta tajba għas-saħħa tal-grupp ta' età fil-mira
- Bidla fl-għarfien mit-tfal tal-benefiċċji għas-saħħa mill-konsum ta' frott u ħxejjex friski, il-ħalib tax-xorb u l-prodotti mill-ħalib bla zokkor, togħmiet, frott, ġwież jew kawkaw miżjuda u b'mod konformi mal-livelli rakkomandati nazzjonalment ta' livelli ta' xaħam u sodju għall-grupp ta' età fil-mira

6. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

- Effettività tal-iskema
- Lezzjonijiet mitgħallma
- Rakkomandazzjonijiet għal titjib

7. Annessi

Detalji tekniċi tal-evalwazzjoni inklużi kwestjonarji, referenzi u sorsi.”
